2024/2882

12.11.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2882

tal-11 ta' Novembru 2024

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew minn żona jew minn kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u tal-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) tas-subtip H5N5 fil-pollam fil-kontea ta' Yorkshire, l-Ingilterra, li ġiet ikkonfermata fil-5 ta' Novembru 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar seba' tifqigħat tal-HPAI tas-subtip H5N1 fil-pollam fl-istati ta' California u Oregon, li kienu kkonfermati fl-24 ta' Ottubru 2024 u fit-2 ta' Novembru 2024 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtorità veterinarji tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(8) Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI wara t-tifqigħat riċenti.

(9) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, jenħtieġ li d-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni kkonċernati bit-tifqigħat riċenti jiġi sospiż sabiex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti.

(11) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, l-emendi li għandhom isiru għall-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żona GB-2.329 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona GB-2.328:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.329	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		5.11.2024";	

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.686 sa US-2.692 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.685:

"US L-Istati Uniti	US-2.686	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		24.10.2024	
	US-2.687		N, P1		24.10.2024	
	US-2.688		N, P1		29.10.2024	
	US-2.689		N, P1		29.10.2024	
	US-2.690		N, P1		30.10.2024	
	US-2.691		N, P1		30.10.2024	
	US-2.692		N, P1		2.11.2024";	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona GB-2.329 tiżdied wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.328:

"Ir-Renju Unit	GB-2.329	qrib Hornsea, East Riding ta' Yorkshire, Yorkshire, l-Ingilterra, GB The area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates N53.86 and W0.24";

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.686 sa US-2.692 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.685:

"L-Istati Uniti	US-2.686	L-Istat ta' Oregon Clackamas 03 Il-Kontea ta' Clackamas: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 122.7154199°W 45.2437728°N)
	US-2.687	L-Istat ta' California Tulare 02 Il-Kontea ta' Tulare: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 119.5174744°W 36.1371362°N)
	US-2.688	L-Istat ta' California Kings 01 Il-Kontea ta' Kings: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 119.6651141°W 36.2024680°N)

	US-2.689	L-Istat ta' California Kings 02 Il-Kontea ta' Kings: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 119.6936533°W 36.2163605°N)
	US-2.690	L-Istat ta' California Kings 03 Il-Kontea ta' Kings: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 119.7121260°W 36.2956547°N)
	US-2.691	L-Istat ta' California Fresno 09 Il-Kontea ta' Fresno: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 119.8742469°W 36.6987976°N)
	US-2.692	L-Istat ta' California Sacramento 05 Il-Kontea ta' Sacramento: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li jibda mill-punt fit-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 121.3495297°W 38.4882732°N)';

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żona GB-2.329 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona GB-2.328:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.329	POU, RAT	N, P1		5.11.2024	
		GBM	P1		5.11.2024";	

(b) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.686 sa US-2.692 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.685:

"US L-Istati Uniti	US-2.686	POU, RAT	N, P1		24.10.2024	
		GBM	P1		24.10.2024	
	US-2.687	POU, RAT	N, P1		24.10.2024	
		GBM	P1		24.10.2024	
	US-2.688	POU, RAT	N, P1		29.10.2024	
		GBM	P1		29.10.2024	
	US-2.689	POU, RAT	N, P1		29.10.2024	
		GBM	P1		29.10.2024	
	US-2.690	POU, RAT	N, P1		30.10.2024	
		GBM	P1		30.10.2024	
	US-2.691	POU, RAT	N, P1		30.10.2024	
		GBM	P1		30.10.2024	
	US-2.692	POU, RAT	N, P1		2.11.2024	
		GBM	P1		2.11.2024".	